OMBUDSMAN

MALTA

**Jum il-Gustizzja Socjali**
**Kamra tad-Deputati**
**20 ta` Frar 2025**

**Diskors tal-Ombudsman Parlamentari**
**l-Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon**

Onor Mr Speaker,
Onor Ministru,
Onor Kap tal-Oppożizzjoni
Onor Membri Parlamentari
Sinjuri,

Il-harsien tal-gustizzja socjali m`ghandu qatt jitqies fl-astratt. Ghandu jimxi fuq principji universali li ma jhallu dubju f`mohh hadd. Hekk biss jistghu mbaghad jittiehdu dawk il-mizuri li bihom titwettaq tassew il-gustizzja socjali, ewlieni fosthom li jintlahaq min l-aktar ghandu bzonn ta` gustizzja, b`mod specjali l-imgarrab.

It-tixrid tal-gustizzja socjali ghandu jibda minn ligijiet tajbin ghaliex il-ligijiet igibu maghhom il-kontabilita`. Pero`, minghajr l-osservanza u/jew l-infurzar, il-ligijiet – tajbin kemm ikunu jidhru tajbin - ma jibdlux il-hajja tan-nies. Huwa l-infurzar tal-ligijiet li jaghmel id-differenza. Kulhadd ghandu jifhem li min ma joqghodx mal-ligijiet ghandu jaccetta l-konsegwenzi tal-imgieba tieghu.

Issa l-Ombudsman Parlamentari ghandu l-kompitu principali li jipprova jsib tarf ta` ingustizzji fil-mod kif il-Gvern jamministra. Bi Gvern infisser is-servizz pubbliku u l-amministrazzjoni pubblika. Ghalhekk l-Ombudsman huwa mezz iehor ta` kif jitwessa` l-access tal-persuni ghall-gustizzja.

L-Ufficcju jinvestiga lmenti li jkunu saru bil-miktub minn persuni dwar atti jew nuqqasijiet tal-Gvern jew entitajiet pubblici ohra fil-qadi tal-funzjonijiet amministrattivi taghhom.

Pero` mhuwiex dan l-uniku funzjoni tal-Ufficcju.

Billi fic-centru tal-hidma tal-Ufficcju hemm is-servizz pubbliku u l-amministrazzjoni pubblika, l-Ombudsman ghandu rwol iehor, mhux inqas importanti, illi jaghmel l-almu tieghu sabiex fil-Gvern titkattar kultura ta` governanza tajba, li tkun soggetta ghal skrutinju demokratiku sabiex jitwarrbu prattici amministrattivi zbaljati u ma jkunx hemm burokrazija bla bzonn.

L-indipendenza tal-Ombudsman taghmlu kredibbli. Ghaliex huwa istituzzjoni kostituzzjonali separata u distinta mill-istituzzjonijiet kostituzzjonali l-ohra tal-Istat, u daqstant iehor mill-Organi l-ohra tal-Istat, matul it-30 sena kemm ilu kostitwit, l-Ufficcju kien strumentali biex jidentifika nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-entitajiet pubblici u jirrakkomanda rimedji nkluz bidliet fil-ligijiet.

L-Ufficcju tal-Ombudsman jisma` u jassisti lil kulhadd, imma jappresta attenzjoni specjali lil dawk kollha li jkunu ghamlu li setghu biex jinqdew mill-amministrazzjoni pubblika u ma jirnexxielhomx.

L-Ombudsman qieghed hemm ghal kull min ikun habbat il-bibien tal-amministrazzjoni pubblika u ma jinghatax widen, jew jibqa` bla risposta, u ma jkollux fejn imur biex iressaq l-ilment tieghu.

L-Ufficcju qieghed hemm ghal persuni li jfittxu kenn u wens ghaliex huma mgarrbin jew bla lehen.

Qieghed hemm ghal dawk li m`ghandhom hadd fuq min iduru jew li jibzghu jew joqghodu lura milli jsostnu d-drittijiet taghhom. In-nies ghandhom bzonn ta` komprensjoni u attenzjoni. M`ghandhomx jitqiesu bhallikieku huma numri. Lanqas ma jishoqqilhom li jkunu pregudikati b`xi mod. Ghalhekk jimmeritahom trattament gust.

Fl-2023 l-Ufficcju ircieva 528 l-ilment u fl-2024 ircieva 564, zieda ta` 7%. L-Ufficcju ippresta assistenza lil 322 –il persuna fl-2023 u lil 764 fl-2024 zieda ta` 137%. Fl-2023 l-Ufficcju ikkonkluda 463 investigazzjonijiet u 578 fl-2024 zieda ta` 25%. Sal-ahhar 2024, kienu ghaddejjin 254 l-investigazzjoni zieda ta` 61% fuq il-158 li kien hemm fl-2023. Dawn huma l-fatti.

Tajjeb jinghad bla tlaqlieq li l-Ufficcju mhuwiex qieghed hemm ghal min jaghzel li jwebbes rasu, ghal min sa minn qabel jixref l-ghatba tal-Ufficcju jkollu f`mohhu l-idea li ghandu bilfors ragun u jippretendi li l-Ombudsman jaghtih ragun bilfors fi kwistjonijiet amministrattivi li jkollu mas-servizz pubbliku u/jew l-amministrazzjoni pubblika.

Lanqas ma qieghed hemm ghal dawk li ghax ma jinghatawx ragun mill-Ombudsman imorru fil-pubbliku biex icanfru l-Ufficcju meta f`dawk ic-cirkostanzi l-Ufficcju huwa prekluz milli jwiegeb. It-taghrif u l-mertu ta` kull investigazzjoni huwa sigriet u l-Ombudsman huwa marbut bil-ligi stess li jhares is-sigriet.

Jien nemmen li l-investigazzjonijiet ghandhom ikunu attenti u metikoluzi. Fl-istess waqt iridu jitmexxew b`heffa, li ma tfissirx bil-ghagla, u ghandhom iwasslu ghal rakkomandazzjonijiet effettivi u ekwi skont il-ligi u skont fatti u cirkostanzi ta` kull kaz. B`dan il-mod, ir-rakkomandazzjonijiet jiksbu awtorita` morali u perswaziva b`sahhitha, b`mod u manjiera li l-piz imur kollu kemm hu fuq is-servizz pubbliku u l-amministrazzjoni pubblika li jwettqu r-rakkomandazzjonijiet fi zmien ragjonevoli.

L-ebda Ombudsman m`ghandu jkun sodisfatt li x-xoghol tieghu huwa lest meta jipprezenta r-rapport finali tieghu wara li jkun temm investigazzjoni, b`mod specjali meta jaghmel rakkomandazzjonijiet li jkunu favur il-persuna li tkun ghamlet l-ilment. Anke dik hija gustizzja.

F`dawk il-kazi fejn ir-rakkomandazzjonijiet ma jkunux gew imwettqa, l-Ombudsman m`ghandux fuq punt ta` principju joqghod lura milli juza d-diskrezzjoni tieghu billi, kif tipprovdi l-ligi stess, jirreferi l-materja l-ewwel lill-Prim Ministru, u fil-kaz li r-rakkomandazzjonijiet

jibqghu mhux implimentati, imur ghand il-Kamra tad-Deputati. Dan ghandu jaghmlu l-aktar fil-kazi fejn ir-rakkomandazzjonijiet jkunu ta` interess pubbliku jew fejn ikunu proposti bidliet fil-ligijiet ezistenti jew fil-prattici tal-amministrazzjoni pubblika.

Jien nikkontesta l-fehma ta` dawk il-wahdiet li jsostnu li l-Ufficcju qieghed hemm ghal xejn, ghax skont dawn il-wahdiet, l-Ufficcju jinbah bla ma jigdem u m`ghandux snien. Forsi jahsbu hekk ghaliex l-Ufficcju jaghmel rakkomandazzjoni mhux jaghti ordnijiet ezekuttivi kif jaghmlu l-qrati.

B`konvinzjoni nghid li l-fehma ta` dawn il-wahdiet mhijiex ir-realta` ghaliex il-fatti juru xort`ohra. Fl-2023 kien hemm 93 kaz li kienu risolti favorevolment ghal min ressaq l-ilment minghajr il-htiega li jsir rapport finali. Fl-2024 l-ghadd tela` ghal 111. Tajjeb jinghad li l-bicca l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet f`rapport finali tal-Ufficcju tal-Ombudsman jigu mplimentati. Fl-2023 ir-rata ta` implimentazzjoni kienet ta` 79%. Fl-2024 ir-rata nizlet b`1% ghal 78%. Ir-rapporti finali li marru l-Parlament ghaliex ir-rakkomandazzjonijiet ma gewx implimentati kienu 14 fl-2023 u 15 fl-2024. Minn hemm jispetta lill-Parlament li jara x`ghandu jsir mir-rakkomandazzjonijiet li ma jkunux gew implimentati.

Tal-ahhar. L-Ufficcju jirsisti ghall-harsien tas-saltna tad-dritt skont is-sewwa u l-haqq. Aktar ma joktor l-gharfien tal-pubbliku dwar il-htiega ta` l-osservanza tas-saltna tad-dritt, aktar is-servizz pubbliku u l-amministrazzjoni pubblika jahsbuha sewwa qabel ma jqeghdu fil-genb l-osservanza tal-principji tal-governanza tajba. Hekk jitlob l-ahjar interess ta` l-poplu taghna.

Grazzi

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt